# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 4 ta' Jannar, 2002.**

**Numru 4**

**Rikors numru 692/99 GCD**

**Godfrey Ellul**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

**IR-RIKORS PROMOTUR**

L-attur ipproceda quddiem il-Qorti Civili Prim'Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali kontra l-Avukat Generali bis-segwenti hekk traskritt fis-sentenza appellata :-

> "F'din il-kawza, li saret taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta), ir-rikorrent qed jitlob rimedju ghax qed jghid li nkisru drittijiet fundamentali tieghu mharsa taht il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Ir-Rikors**

Ir-rikors jghid illi r-rikorrent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat b'diversi reati dwar droga li jgorru piena ta' aktar minn erba' snin. Hu ghamel talba bil-fomm quddiem il-Qorti biex jinheles mill-arrest, skond kif tghid il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u, jekk ikun mehtieg, ukoll bid-dritt li johrog mill-art. 137 tal-Kodici Kriminali, dwar il-fatt li skond l-art. 27 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, minhabba l-akkuzi kontrieh. Hu ma jistax jinheles mill-arrest qabel ghoxrin jum jew qabel ma taghlaq il-kumpilazzjoni.

Ir-rikorrent mill-ewwl ghamel rikors u qal li l-arrest tieghu huwa kontra l-ligi, kemm ghar-ragunijiet imsemmija meta ghamel it-talba bil-fomm, kif ukoll skond il-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz Joseph Attard versus Kummissarju tal-Pulizija, maqtugh fil-31 ta' Lulju 1998, li tghid li meta jkun hemm dewmien biex jitressaq l-imputat ma tibqax is-setgha li jkun hemm arrest tal-persuna. Ir-rikorrent kien investigat madwar sentejn qabel ma sar ir-rikors tallum ; kien barra u, meta ssejjah, deher. Ghalhekk, ma kienx hemm biza' tal-harba, jew li jekk ma jkunx arrestat ikellem lix-xhieda, jew li bil-fors ser jerga' jaghmel ir-reati. F'sentejn, kien hemm zmien ta' prova bizzejjed.

Barra minn dan kollu, ma hemmx ragunijiet bizzejjed ghall-imputazzjoni.

Biex ikun inqeda bir-rimedji kollha, r-rikorrent ghamel ukoll rikors quddiem il-Qorti Kriminali, izda dan ir-rikors kien michud. Barra minn hekk, ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati, li deher l-ewwel darba quddiemha r-rikorrent, kienet tal-fehma li, minhabba l-mard tieghu, ir-rikorrent kellu jinzamm l-Isptar, dan ma sarx.

*Allegazzjoni ta' Ksur tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*

Ir-rikorrent ghal dawn ir-ragunijiet qed jghid li nkisru d-drittijiet tiehgu mharsa mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dawn l-artikoli :

(a) l-art. 5(3) fl-ewwel parti tieghu, billi l-Magistrat li tressaq quddiemu ma kellux is-setgha li jordna li jinheles mill-arrest billi l-art. 27 tal-Kap. 101 inehhilu din is-setgha ; l-art. 27, ghalhekk, jikser l-art. 5(3) tal-konvenzjoni ;

(b) l-art. 5(1), billi l-arrest ma kienx mehtieg biex ir-rikorrent jingieb quddiem il-Qorti meta kien ilu barra ghal sentejn ;

(c) l-istess artikolu [*recte* l-art. 5(3)] fit-tieni parti tieghu, billi r-rikorrent jista' jaghti garanzija li jidher ; u

(d) l-art. 3, billi kien hemm trattament inuman ghax l-ordni li jinzamm fl-Isptar ma kienitx segwita.

*It-Talba*

Ir-rikorrent ghalhekk talab li l-Qorti, wara li tghid li kien hemm il-ksur imsemmi fuq tad-drittijiet fundamentali tieghu, taghti dawk ir-rimedji, fosthom kumpens xieraq, li jghoddu ghall-kaz, u tordna wkoll li jinheles mill-arrest, taht il-provvedimenti kollha li jidhrulha xierqa."

**<u>RISPOSTA</u>**

L-intimat Avukat Generali hekk wiegeb ghat-talba tar-rikorrent :-

"1. Talba bil-fomm ghall-helsien mill-arrest ma tiswiex, minhabba dak li hemm fl-art. 575(2) tal-Kodici Kriminali.

2. L-art. 137 tal-Kodici Kriminali ma jghoddx ghall-kaz tar-rikorrent ghax l-art. 27 tal-Kap. 101 ma jhallix li jsir helsien mill-arrest qabel ghoxrin jum, jew qabel ma tinghalaq il-kumpilazzjoni, u dan sabiex f'kull kaz bhal dan, minhabba fin-natura u l-gravita' tar-reati, il-ligi thares ghal kollox l-integrita' tal-proceduri ghall-amministrazzjoni ahjar tal-gustizzja.

3. Ir-rikorrent kellu jitressaq taht arrest skond il-ligi, u wkoll skond l-art. 5(1)(c)tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex jingieb quddiem l-awtorita' kompetenti minhabba suspett ragonevoli li kien ghamel reat.

4. Barra minn hekk, ukoll wara li ghadda z-zmien meta r-rikorrent ma setax jinheles mill-arrest, xorta baqa' taht arrest preventiv fuq ordni kemm tal-Qorti Istruttorja kif ukoll tal-Qorti Kriminali b'digriet tal-5 ta' Marzu 1999. Dan gara kemm minhabba n-natura tal-provi tal-prosekuzzjoni u kif ukoll ghax il-Qorti ma kienitx sodisfatta li, jekk ir-rikorrent jinghata l-helsien

mill-arrest, ma jkunx hemm perikolu ta' tfixkil ghall-amministrazzjoni sewwa tal-gustizzja.

5. Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-Qorti tal-Magistrati kienet tal-fehma li hu, minhabba l-mard tieghu, kellu jinzamm l-Isptar, il-Qorti Istruttorja, b'digriet tal-11 ta' Frar 1999, kienet ordnat li r-rikorrent jintbaghat l-Isptar San Luqa biex jigi rikoverat hemm. Minhabba f'hekk, l-Avukat Generali kellu jitlob li l-Qorti Kriminali tghid li dik l-ordni tal-Qorti Istruttorja ma kienitx tiswa ghax ma kienitx fis-setgha ta' dik il-Qorti li taghti dik l-ordni. Barra minn hekk, ir-rikorrent ma ghandux mard ; ghandu ferita serja li kien garrab meta kien qed ifittex li jahrab mill-Pulizija meta din kienet qieghda taghmel tfittxija li wasslet biex inbdew proceduri kriminali kontra r-rikorrent.

6. Ghalhekk, kemm l-allegazzjoni ta' trattament inuman kif ukoll l-allegazzjonijiet l-ohra dwar l-arrest tar-rikorrent huma infondati."

**<u>DECIDE</u>**

B'sentenza tas-7 ta' Mejju 1999 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili hekk iddecidiet il-kawza :-

"Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' l-kawza billi :-

1. Tghid li kien hemm ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent imhares taht l-ewwel parti ta' l-art. 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem billi l-Qorti li quddiemha tressaq b'arrest ma nqdietx bis-setgha li tistharreg dwar jekk l-arrest kienx skond il-ligi u dwar jekk kienx hemm cirkostanzi bizzejjed ghala ma kellux jinghata l-helsien ;

2. Tghid li dik il-parti ta' l-art. 27 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) li tnehhi lill-Qorti s-setgha li taghti helsien mill-arrest qabel ghoxrin jum jew qabel ma tinghalaq il-kumpilazzjoni ma hix kompatibbli ma' dak li jrid l-art. 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea ;

3. Tghid li ma kienx hemm ksur ta' l-art. 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea billi r-rikorrent kien arrestat skond il-ligi fuq suspsett ragonevoli li kien ghamel reat ;

4. Tghid li ma kienx hemm ksur tat-tieni parti ta' l-art. 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea billi kien hemm ragunijiet tajba u bizzejjed ghala r-rikorrent ma jinhelisx ;

5. Tghid li ma hemmx xhieda ta' ksur ta' l-art. 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ;

6. Tichad it-talba biex ir-rikorrent jinheles mill-arrest ; u

7. Tillikwida s-somma ta' hamsin lira (Lm50) bhala kumpens ghall-ksur tad-dritt tar-rikorrent, u ghalhekk tikkundanna lill-intimat ihallas hamsin lira (Lm50) lir-rikorrent.

L-ispejjez jinqasmu hekk : zewg partijiet minn tlieta jhallashom ir-rikorrent ; parti minn tlieta jhallasha l-intimat.

Billi dik il-parti ta' l-art. 27 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li tnehhi lill-Qorti s-setgha li taghti helsien mill-arrest qabel ghoxrin jum jew qabel ma tinghalaq il-kumpilazzjoni tmur kontra l-art. 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif migjuba fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, il-Qorti tordna lir-registratur li jinbghat lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati kopja ta' din is-sentenza hekk kif tkun ghaddiet f'gudikat ghal dak kollu li jghid u jrid l-art. 242 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili."

**APPELLI**

Minn din is-sentenza appellaw kemm ir-rikorrent kif ukoll l-Avukat Generali. Iz-zewg appelli bazikament ikopru in parte l-istess terren gjudizzjarju u din il-Qorti tifhem li tista' tikkonsidrahom kontestwalment. L-aggravju kemm tar-rikorrent kif ukoll tal-intimat jirrelataw mal-motivazzjoni akkurata tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u naturalment hu kritiku mill-kontendenti skond ir-rispettiv telf u rebh

taghhom. Din il-Qorti sejra ssegwi proprju din il-motivazzjoni kif giet mill-ewwel Qorti strutturata fil-konsiderazzjonijiet taghha. Sewwa allura li qabel xejn tigi riprodotta dik il-parti tas-sentenza appellata illi rrintraccjat l-istadji principali tal-process gjudizzjarju illi gie sottomess ghalih ir-rikorrent quddiem il-Qrati ta' guridizzjoni kriminali.

"*Proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja*

Il-fatti li wasslu ghal dan il-kaz graw hekk :-

Fil-11 ta' Frar 1999 ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, mixli b'numru ta' reati taht l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Kienet esebita l-fedina penali tieghu li turi li f'okkazjonijiet ohra qabel kien instab hati ta' pussess ta' droba bi ksur ta' dik l-Ordinanza.

Billi r-rikorrent deher bla avukat, il-Qorti hatret avukat biex jghinu, taht l-iskema tal-ghajnuna legali. Wara li sar l-ezami tar-rikorrent, sar dan il-verbal :

L-imputat fil-prezenza ta' l-avukat difensur tiegu jirrileva li l-presentata b'arrest f'dan l-istadju, wara li kien investigat fit-tnejn ta' Marzu 1977, u kien mitluq fil-liberta', hija llegali ghaliex ma hemmx warajha l-iskop u necessita' li biex jidher il-Qorti jkun detenut. Fil-fatt illum gie avzat biex jidher u deher. Jirrileva wkoll li dan l-ilment qed jitqajjem ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi u principalment l-artikolu 5(3() ta' l-ewwel skeda tal-Kap. 319, l-artikolu 137 tal-Kodici Kriminali, jekk dan hu rimedju. Inoltre, bl-akkuza proposta u minhabba l-artikolu 27 tal-Kap. 101, il-Qorti hi ezawtoritata li tikkonsidra li tqieghed jew tehles b'xi mod lil persuna arrestata, u dan ukoll huwa kontra l-ligi msemmija. Li hu manifest li l-arrest mhux necessarju biex il-persuna imputata tidher ghall-atti tal-procediment. Inoltre, hu manifest li l-istat ta' sahha tieghu ma jaghmlux persuna idonea li jkun taht arrest fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti tal-Magistrati pprovdiet dwar dawn l-osservazzjonijiet tar-rikorrent billi tat dan id-digriet :

Il-Qorti : rat li s-sahha ta' l-imputat hija wahda infelici hafna ; pero' rat l-artikolu 27 tal-Kap. 101, fejn f'dan l-istadju hija prekluza li

taghti l-liberta' provizorja; pero' a bazi ta' ragunijiet umanitarji l-Qorti tibghat lill-imputat fis-sala St. Michaels fl-Isptar San Luqa, biex jigi rikoverat hemmhekk.

Ordnat ukoll komunika tal-verbal lid-direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, u lill-Ispettur tal-Pulizija li kien qed imexxi l-prosekuzzjoni. Is-smiegh kien differit ghall-15 ta' Frar 1999.

Fil-15 ta' Frar 1999 ir-rikorrent ipprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn rega' qal li l-arrest tieghu kien kontra l-ligi u bi ksur ukoll tad-disposizzjonijiet relevanti tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u qal ukoll li, minkejja l-ordni tal-Qorti, xorta ma ttehidx l-Isptar. Talab li l-Qorti tghid li l-arrest hu kontra l-ligi, u ghalhekk tordna l-helsien tieghu, u talab ukoll li, jekk il-Qorti ma tilqax din it-talba, taghtih helsien provvizorju taht garanzija.

Dakinhar stess il-Qorti ordnat li r-rikors ikun notifikat lill-Avukat Generali, u dan wiegeb l-ghada, fis-16 ta' Frar.

Fis-17 ta' Frar 1999 il-Qorti tat digriet fejn cahdet it-talbiet tar-rikorrent "ghar-ragunijiet imsemmija fir-risposta ta' l-Avukat Generali". Dawn ir-ragunijiet kienu mibnija fuq id-disposizzjonijiet ta' l-art. 27 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), li jrid li min, bhar-rikorrent, ikun mixli b'reati taht dik l-Ordinanza ghandu jitressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u ma jhallix li jinghata helsien mill-arrest qabel ghoxrin jum minn meta jkun tressaq b'arrest jew sa meta tintemm il-kumpilazzjoni, jekk din tintemm qabel.

Is-smiegh tkompla fil-25 ta' Frar 1999,u dakinhar instemghu sitt xhieda u kienu esebiti xi dokumenti.

Il-kumpilazzjoni nghalqet fil-25 ta' Frar 1999, u l-Qorti tal-Magistrati, billi dehrilha li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex ir-rikorrent jitqieghed taht att ta' akkuza, ordnat li jintbaghat biex joqghod taht dak l-att quddiem il-Qorti kompetenti u ordnat ukoll li l-attijiet tal-kompilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali.

*Proceduri quddiem il-Qorti Kriminali*

Fl-1 ta' Marzu 1999 ir-rikorrent ipprezenta rikors iehor, din id-darba quddiem il-Qorti Kriminali. Qal li, waqt il-kumpilazzjoni, ix-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni gie arrestat wara li xehed u ma regax instema' ; ghalhekk, ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed ghala r-rikorrent jitqieghd taht att ta' akkuza u, barra minn hemm, ma setax isir stharrig dwar jekk kellux jibqa' arrestat, jew jekk setax ikompli l-process fuq ix-xhieda migbura. Qal ukoll li kellu

dritt li l-arrest tieghu jkun ezaminat fil-meritu. Ghalhekk talab li l-Qorti tehilsu mill-arrest.

Dakinhar stess il-Qorti ordnat li r-rikors ikun notifikat lill-Avukat Generali. L-Avukat Generali wiegeb l-ghada, 2 ta' Marzu 1999, u qal li kien qed jopponi ghat-talba tar-rikorrent billi kien hemm perikolu li r-rikorrent jaghmel "interferenza max-xhieda" ghax kien ghad hemm xhieda x'jinstemghu ; qal ukoll li mill-fedina penali tar-rikorrent jidher li x'aktarx li jaghmel reat iehor jekk jinghata l-helsien mill-arrest.

Wara li rat l-oppozizzjoni ta' l-Avukat Generali, il-Qorti, b'digiet moghti fit-2 ta' marzu 1999, appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-3 ta' Marzu 1999. Wara li semghet lill-partijiet, il-Qorti Kriminali tat rikors fil-5 ta' Marzu 1999. Qalet li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom in-natura tar-reati li bihom kien mixli r-rikorrent, il-pwieni li jgibu maghhom, u n-natura tal-provi tal-prosekuzzjoni. Billi ma kienitx sodisfatta li, jekk lir-rikorrent jinghata helsien mill-arrest, ma jkunx hemm indhil fix-xhieda, skond l-art. 575(1)(d) tal-Kodici Kriminali, u li ma jkunx hemm perikolu li r-rikorrent jaghmel xi reat iehor, skond l-art. 575(1)(e) ta' l-imsemmi Kodici, cahdet it-talba.

Ir-rikorrent ghalhekk, fit-18 ta' Marzu 1999,ipprezenta quddiem din il-Qorti r-rikors li bih inbdew dawn il-proceduri.

Matul is-smiegh tal-kawza quddiem din il-Qorti, l-partijiet qablu li l-Qorti tqis ukoll ix-xhieda fl-atti tal-proceduri kontra r-rikorrent quddiem il-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Kif fuq indikat din il-Qorti sejra l-ewwel tirriproduci l-motivazzjoni fis-sentenza appellata fir-rigward ta' kull parti tat-talbiet tar-rikorrent u l-premessi ghalihom u mbaghad taghmel l-osservazzjonijiet taghha pertinenti kif lilha suggeriti mill-aggravju ta' kull wiehed mill-kontendenti dwarha.

**(a) L-ilment dwar il-ksur tad-dritt fondamentali mhares taht l-artikolu 5(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem**

L-ewwel Qorti hekk iddeliberat fis-sentenza appellata dwar dan l-ilment:-

> "L-art. 5 tal-Konvenzjoni Ewropea jhares id-dritt ghal-liberta' u ghas-sigurta' tal-persuna :
>
> (1) Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta' u ghas-sigurta' tal-persuna.
>
> Hadd ma ghandu jigi ipprivat mil-liberta' tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skond il-procedura preskritta bil-ligi ;
>
> (a) … … … ;
>
> (b) … … … ;
>
> (c) l-arrest jew detenzjoni skond il-ligi ta' persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat ;
>
> (d) … … … ;
>
> (e) … … … ;
>
> (f) … … … .
>
> (2) … … ….
>
> (3) Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (c) ta' dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem Imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b'ligi biex jezercita setgha gudizzjara u jkollu dritt ghal procedura fi zmien ragonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-

helsien jista' jkun taht kondizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri.

(4) Kull min ikun ipprivat mil-liberta' tieghu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jaghmel il-proceduri biex il-legalita' tad-detenzjoni tieghu tigi deciza malajr minn Qorti u l-liberta' tieghu tigi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-ligi.

(5) Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-dispozzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli ghal kumpens.

Ir-rikorrent qieghed jara ksur ta' dan l-artikolu ghal dawn ir-ragunijiet :

1. Ghax meta ngieb quddiem il-Magistrat, dan ma kellux is-setgha li jordna l-helsien tieghu, minhabba f'dak li jghid l-art. 27 tal-Kap. 101 ;

2. Ghax ma kienx mehtieg li jkun arrestat biex jingieb quddiem il-Qorti, ladara l-awtoritajiet kienu hallewh hieles ghal sentejn ; u

3. Ghax seta' jaghti garanzija li jidher quddiem il-Qorti.

**Dwar jekk il-Magistrat kellux is-setgha li jordna l-helsien tar-rikorrent**

L-art. 27 tal-Kap. 101, kif rajna, ma jhallix li min ikun mixli b'reat taht dik il-ligi jinghata helsien mill-arrest qabel ghoxrin jum, jew qabel ma tinghalaq il-kumpilazzjoni.

F'dan il-kuntest, hija relevanti l-osservazzjoni maghmula mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza li tat dan l-ahhar fil-kaz ta' **Aquilina versus Malta** illi "the question of bail is a distinct and separate issue, which only comes to play when the arrest and detention are lawful." (Aquilina versus Malta, 29 ta' April 1999, para. 55).

Ghalkemm l-art. 27 tal-Kap. 101 ma jhallix lill-Qorti tqis talba ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest qabel ma jghaddi z-zmien imsemmi f'dak l-artikolu, ma jzommx lill-Qorti milli tistharreg dwar jekk il-persuna li tingieb quddiemha kienitx arrestata sew. Din is-setgha tal-Qorti tohrog, jekk minn xejn izjed, mill-istess disposizzjonjiet ta' l-art. 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, li huma parti mil-ligi ta' Malta. Jekk il-Qorti ssib li l-arrest ma sarx fuq suspett ragonevoli li l-persuna arrestata u migjuba quddiemha ghamlet

reat taht l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ghal xi raguni ohra tajba taht l-art. 5(1) tal-konvenzjoni, mela dak l-arrest ma jkunx skond il-ligi, u d-disposizzjonijiet ta' l-art. 27 tal-Kap. 101 ma jghoddux ghalih. Stharrig dwar liberta' provvizorja logikament jigi wara u jippresupponi konkluzjoni li l-arrest kien legali.

Din id-distinzjoni bejn kwistjonijiet dwar legalita' ta' l-arrest u kwistjonijiet dwar helsien mill-arrest iwasslu ghal zewg mistoqsijiet ohra.

L-ewwel wahda hija din : Il-fatt li l-art. 27 tal-Kap. 101 ma jnehhix lill-Qorti tal-Magistrati s-setgha li tistharreg dwar il-legalita' ta' l-arrest – ghalkemm inehhilha s-setgha li tqis, ghall-inqas qabel ghoxrin jum jew qabel ma taghlaq il-kumpilazzjoni, talba ghall-helsien mill-arrest – huwa bizzejjed biex dak l-artikolu ma jitqiesx li jmur kontra dak li jrid l-art. 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea?

It-tieni mistoqsija hija din : Il-Qorti tal-Magistrati, fil-kaz partikolari tar-rikorrent, inqdiet bis-setgha taghha li tara minnufih jekk l-arrest kienx legali?

*Dwar jekk l-art. 27 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jiksirx id-disposizzjonijiet ta' l-art. 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

Fil-kaz imsemmi fuq ta' **Aquilina versus Malta**, il-Qorti Ewropea qalet hekk :

… … … the parties disagreed as to the extent of the power of the Magistrate to order release of his or her own motion. While the applicant argued that the Magistrate before whom he had first appeared could order his release only following a bail application, the Government contended that Magistrates had the power to order release of their own motion if the person appearing before them faced charges that, according to the law, did not allow his or her detention. Even assuming the Government's interpretation of national law to be correct, the Court considers that Article 5 & 3 would not be complied with. The matters which, by virtue of Article 5 & 3, the judicial officer must examine go beyond the one ground of lawfulness cited by the Government. The review required under Article 5 & 3, being intended to estabilish whether the deprivation of the individual's liberty is justified, must be sufficiently wide to encompass the variuos circumstances militation for or against detention … … … (Ibid. para. 52).

Il-Magistrat ghandu jkollu s-setgha li, hekk kif tingieb persuna b'arrest quddiemu, jara mhux biss jekk dak l-arrest hux legali,

izda ghandu jara wkoll jekk hemmx cirkostanzi li jiggustifikaw li dik il-persuna tinzamm arrestata ghalkemm ghandha titqies li mhix hatja sakemm ma jkunx hemm sentenza kontra taghha. L-art. 27 tal-Kap. 101 inehhi din is-setgha lill-Magistrati li ghalhekk ma ghandux izjed is-setgha li jaghmel stharrig li jkun "*sufficiently wide to encompass the various circumstances militating for or against detention"*.

Safejn inehhi din is-setgha, l-art. 27 tal-Kap. 101, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma hux kompatibbli mad-disposizzjonijiet ta' l-art. 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ghall-istess ragunijiet migjuba fuq, it-tieni eccezzjoni ta' l-Avukat Generali – li tistrieh fuq l-art. 27 tal-Kap. 101 bhalli kieku dak l-artikolu huwa kompatibbli ma' dak li tghid u trid il-Konvenzjoni Ewropea – hija michuda.

*Dwar jekk il-Qorti ta' Magistrati nqdietx bis-setgha taghha li tistharreg dwar jekk ir-rikorrent kellux jinzamm arrestat.*

Inqisu issa t-tieni mistoqsija msemmija fuq.

Fil-kaz ta' **de Jong, Baljet u van den Brink**, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet qalet hekk :

… … …. the fact that the detained person has access to a judicial authority is not sufficient to constitute compliance with the opening part of Article 5 para. 3 (art. 5-3). This text is aimed at ensuring prompt and automatic judicial control of police or administrative detention ordered in accordance with the provisions of paragraph 1(c) (art. 5-1-c). The language of paragraph 3 (art. 5-3) ("shall be brought promptly before"), read in the light of its object and purpose, makes evident its inherent "procedural requirement" ; the "judge" or judicial "officer" must actually hear the detained person and take the appropriate decision (Kaz de Jong, Baljet u van den Brink, 22 ta' Mejju 1984, para. 51).

Fil-kaz tar-rikorrent, il-Qorti tal-Magistrati ma nqdietx b'din is-setgha taghha, la meta r-rikorrent ingieb quddiemha l-ewwel darba – meta qalet li, minhabba f'dak li jghid l-art. 27 tal-Kap. 101,"f'dan l-istadju hija prekluza li taghti l-liberta' provvizorja" – u lanqas wara r-rikors tal-15 ta' Frar 1999, meta anzi qaghdet fuq it-twegiba ta' l-Avukat Generali li qal li, minhabba fl-imsemmi artikolu, "din il-Qorti ma tistax legalment tiddikjara l-illegalita' ta' l-arrest odjern", ghalkemm, kif gja' rajna, il-Qorti kienet mizmuma

biss milli tistharreg dwar helsien mill-arrest u mhux dwar il-kwistjoni ewlenija tal-legalita' ta' l-arrest.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, ir-rikorrent kien effettivament imcahhad mill-beneficcju li jingieb quddiem 'funzjonarju … … … awtorizzat b'ligi biex jezercita setgha gudizzjarja" kif irid l-art. 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Il-htiega li l-istharruig tal-Magistrat ikun "awtomatiku", u mhux wara li ssir talba ghalhekk, turi li tistax tintlaqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-Avukat Generali, li tghid li t-talba ghall-helsien mill-arrest trid issir b'rikors, skond l-art. 575(2) tal-Kodici Kriminali.

Il-fatt li l-art. 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea jaghti lill-arrestat dritt li "jaghmel proceduri biex il-legalita' tad-detenzjoni tieghu tigi deciza malajr minn Qorti u l-liberta' tieghu tigi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-ligi" ma hix inkompatibbli mal-htiega li dan l-istharrig isir sua sponte minnufih mill-Qorti meta jingieb quddiemha, ghax arrest li jkun sar skond il-ligi jista' ma jibqax skond il-ligi meta jghaddi z-zmien u jinbidlu c-cirkostanzi, u l-arrestat ghalhekk ikun jista', aktar 'il quddiem, jitlob li l-legalita' tad-detenzjoni tieghu tkun mistharrga mill-gdid. Dan qalitu wkoll il-Qorti Ewropea fil-kaz imsemmi fuq ta' **Aquilina versus Malta.**

In addition to being prompt, the judicial control of the detenion must be automatic (see the De Jong, Baljet and Van den Brink judgement cited above, p. 24, & 51). It cannot be made to depend on a previous application by the detained person. Such a requirement would not only change the nature of the safeguard provided for under Article 5 & 3, a safeguard distinct from that in Article 5 & 4, which guarantees the right to institute proceedings to have the lawfulness of detention reviewed by a court (see the De Jong, Baljet and Van de Brink judgement cited above, pp. 25-26, & 57). It might even defeat the purpose of the safeguard under Article 5 & 3 which is to protect the individual from arbitrary detention by ensuring that the act of deprivation of liberty is subject to independent judicial scrutiny (see, mutatis mutandis, the Kurt v. Turkey judgement of 25 May 1998, Reports 1998 – III, p. 1185, & 123). Prompt judicial review of detention is also an important safeguard against ill treatment of the individual taken into custody (see the Aksoy v. Turkey judgement of 18 December 1996, Reports 1996-VI, p. 2282, & 76). Furthermore, arrested persons who have been subjected to such treatment might be incapable of lodging an application asking the judge to review their detention. The same could hold true for other vulnerable categories of arrested persona, such as the mentally weak or

> those who do not speak the language of the judicial officer (Para. 49).
>
> Madankollu, ghalkemm ittenni d-decizjoni li waslet ghaliha fuq din il-kwistjoni, din il-Qorti tistqarr li ghandha xi rizervi dwar kemm l-osservazzjonijiet tal-Qorti Ewropea jistghu realistikament jghoddu ghac-cirkostanzi ta' pajjizna fejn kull min jitressaq quddiem il-Qorti jista' facilment ikollu l-ghajnuna ta' avukat u d-drawwa u l-*praxis* huma li jkun meghjun minn avukat. Ghalhekk difficli tifhem min huma dawk il-"vulnerable categories" li ma ghandhomx il-mezz li jaghmlu t-talba ghall-helsien. Il-ligijiet ma ghandhomx jiftehmu *in vacuo* izda fil-kuntest tas-socjeta' fejn jithaddmu."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Dwar din il-parti tas-sentenza appellaw kemm l-intimat Avukat Generali kif ukoll ir-rikorrent Ellul. L-Avukat Generali jsostni illi l-artikolu 27 tal-Kap. 101 ma setax jitqies li kien inkompatibbli ma' dak li jghid l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Wisq inqas fil-kaz konkret u partikolari taht ezami ma seta' wiehed jasal ghal xi konkluzjoni li r-rikorrent kien sofra ksur tad-dritt fondamentali taht l-ewwel parti tal-artikolu 5(3) tal-istess Konvenzjoni. Dan ghaliex il-Qorti Istruttorja bl-ebda mod u fl-ebda mument ma kienet prekluza milli tistharreg dwar jekk l-arrest tar-rikorrent kienx skond il-ligi jew le. Fil-fatt dik il-Qorti ghamlet dak l-istharrig kif jirrizulta mill-atti processwali. Dan nonostante l-fatt li ma kellhiex temporanjament skond il-ligi s-setgha tistharrigx jekk kienx hemm cirkustanzi bizzejjed ghala r-rikorrent ma kellux jinghata l-helsien izda dan biss sa certu punt ghal zmien limitat. Is-sottomissjoni tal-

Avukat Generali hi illi effettivament meta l-ewwel Qorti tistharreg anke immedjatament il-kwistjoni ewlenija tal-legalita' tal-arrest u cioe' jekk il-ligi kienitx tawtorizza l-arrest u jekk kienx jezisti s-suspett ragjonevoli tal-kommissjoni tar-rejat mill-arrestat, f'dak l-istess waqt tkun qieghda wkoll tistharreg dwar il-helsien mill-arrest. "U gja' la darba l-ligi partikolari stess taghmel id-divjet temporanju tal-helsien mill-arrest fiha nfisha tkun raguni legali sufficjenti …….. li attwalment timmilita kontra li l-arrestat jinheles minn dak l-istat." Izda b'daqshekk, jargomenta l-Avukat Generali, dak id-divjet temporanju ma setax jitqies li kien bi ksur tal-istess artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja …… ghaliex hemm ratio legis logiku u ragunat ghal dak id-divjett temporanju u fuq kollox ghaliex l-istess artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jordnax il-helsien immedjat izda jkun hemm stharrig dwar ragunijiet legali fattwali li jimmilitaw favur jew kontra l-helsien mill-arrest u l-helsien immedjat jigi ordnat biss fl-eventwalita' li jkun hemm perikolu ta' lezjoni ghas-salvagwardja tas-smiegh fi zmien ragjonevoli u fl-eventwalita' li jistghu jinghataw garanziji sabiex l-imputat joqghod ghal kull att tal-procediment".

F'dan l-aggravju allura l-Avukat Generali jsostni l-kostituzzjonalita' tal-artikolu 27 tal-Kap. 101 li s-sentenza appellata tikkonsidra illi ma kienx kompatibbli ma' dak li jghid is-subinciz 3 tal-artikolu 5 sa fejn kien inehhi lill-Qorti s-setgha li taghti l-helsien mill-arrest qabel ghoxrin jum jew fi zmien aqsar qabel ma tinghalaq il-kumpilazzjoni. Utili f'dan l-

istadju li jigi riportat dan l-artikolu fejn hu relevanti ghall-vertenza taht ezami ghax kien mill-interpretazzjoni korretta tieghu li kellha temergi soluzzjoni tan-nodus juris quddiem il-Qorti.

"27. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali u bla hsara ghat-tigdid mill-President taz-zmien tal-kumpilazzjoni kif provdut fis-subartikolu 1 tal-artikolu 401 ta' dan il-Kodici (Kriminali), meta l-Avukat Generali jkun ordna li persuna akkuzata b'bejgh jew b'traffikar ta' medicina kontra din l-Ordinanza ……. (kif indubbjament kien akkuzat ir-rikorrent) dik il-persuna ghandha titressaq b'arrest u l-Qorti tal-Pulizija Gjudizzjarja bhala Qorti Istruttorja ghandha ttemm il-kumpilazzjoni fi zmien ghoxrin jum minn meta dik il-persuna tkun hekk tressqet u sakemm jghaddi dak iz-zmien jew jekk il-kumpilazzjoni tkun intemmet f'data qabel, sa dak il-jum il-persuna akkuzata ma tinghatax liberta' provvisorja izda f'gheluq dawk l-ghoxrin jum, jew dik id-data qabel kif intqal, il-Qorti tista' taghti l-liberta' provvizorja skond id-disposizzjonijiet ta' dak il-Kodici izda jekk iz-zmien tal-kumpilazzjoni jigi mwaqqaf ghar-raguni specifikata fil-paragrafu C tas-subartikolu 1 tal-artikolu 402 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tista' madankollu taghti l-liberta' provvizorja wara li jkunu ghaddew ghoxrin jum minn meta dik il-persuna titressaq il-Qorti".

Gust li jinghad, ghax din hi rejalta storika, illi dubbji u rizervi dwar il-konformita' ta' dan l-artikolu kemm mal-Konvenzjoni kif ukoll mal-

Kostituzzjoni kienu gew espressi fi trattazzjonijiet kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sa minn zmien qabel ma nghataw is-sentenzi mill-Qorti Ewropeja fil-kawzi fl-ismijiet Aquilina vs Malta u T.W. vs Malta fil-1999. Dan ghaliex kien jinhass u dana bir-ragun li dan l-artikolu kien jimponi limitazzjoni perentorja fuq il-Qorti Istruttorja illi ghal zmien statutorjament determinat, tkun xi tkun ir-raguni, ma tikkonsidrax li persuna migjuba b’arrest quddiemha akkuzata bir-rejati msemmija taht l-artikolu tinghata l-helsien pendenti l-proceduri. Kien ovvju li d-dicitura tassattiva tal-artikolu 27 kien jezawtora lill-Qorti Istruttorja fil-poter li tikkonsidra jekk il-persuna arrestata quddiemha kellhiex jew le d-dritt li tigi akkordata l-liberta’ provvisorja u dan kien necessarjament jikkorrispondi mat-telfien ko-estensiv tal-jedd fondamentali tal-akkuzat illi ghal dak iz-zmien statutorjament stabbilit, li fih ukoll kien meqjus u prezunt innocenti, jigi moghti l-helsien anke jekk seta’ jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha tal-garanziji fuqu mposti biex jidher ghall-proceduri.

Li donnu mhux qed jigi apprezzat mill-Avukat Generali, u dan hu ovvju mill-mod kif inhu mpustat l-aggravju tieghu kif fuq puntwalizzat, hu illi s-subinciz 3 tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni ma jikkonferix biss id-dritt fondamentali ghal-liberta’ u s-sigurta’ tal-persuna arrestata jew detenuta li jingieb minnufih quddiem Imhallef jew funzjonarju, awtorizzat biex b’ligi fost hwejjeg ohra, jivverifika l-legalita’ ta’ tali arrest jew detenzjoni, imma jiggarantilu wkoll id-dritt jew ghal procedura fi zmien

ragjonevoli biex tigi stabbilita l-innocenza jew ir-rejita tieghu jew ghall-helsien waqt il-pendenza tal-proceduri. Dan minghajr l-ebda limitazzjoni jew restrizzjoni fuq id-diskrezzjoni li kellu l-Imhallef jew il-funzjonarju iehor awtorizzat b'ligi biex jezercita setgha gjudizzjarja biex jakkorda tali helsien. Il-gjudikant li quddiemu tingieb il-persuna arrestata jew detenuta kien kostituzzjonalment obbligat li josserva zewg drittijiet tieghu :- jew id-dritt ghall-procedura fi zmien ragjonevoli meta allura ma kienx tenut li jakkorda l-helsien waqt il-pendenza tal-procedura jew jekk dan ma kienx possibbli kien obbligat jehilsu waqt il-pendenza tal-procedura. Id-diskrezzjoni li kellu gjudikant kienet limitata allura biss biex jaghzel wahda minn dawn iz-zewg toroq fejn possibbli u fil-kaz tat-tieni triq kellu d-dritt u anke d-dover li jassigura li l-helsien jinghata taht kundizzjoni ta' garanziji biex l-istess persuna detenuta jew arrestata tidher ghall-proceduri. Kull limitazzjoni fuq l-Imhallef jew funzjonarju, f'dan il-kaz il-Magistrat li jippresjedi l-Qorti Istruttorja li tmur lil hinn mit-termini precizi ta' dan is-subinciz 3, inkluz limitazzjoni taz-zmien li fih kien impedut milli jezercita l-funzjonijiet kostituzzjonali tieghu biex jassigura l-jedd fondamentali ghal-liberta' u ghas-sigurta' ta' persuna kienet tikkozza mad-dispost kostituzzjonali u konvenzjonali u kellha titqies, necessarjament sa fejn hekk kienet inkompatibbli, in vjolazzjoni tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni taht ezami.

"Under article 5(3) there is both a procedural and a substantive requirement. The procedural requirement places the "officer"under the

obbligation of hearing himself the individual brought before him ……. The substantive requirement imposes on him the obbligation of reviewing the circumstances militating for or against detention, of deciding by reference to legal criteria whether there are reasons to justify detention and of ordering release if there are no such reasons" (Schiesser judgement tal-4 ta' Dicembru 1979, Series A no. 34 pgs 13/14 para 31). "It is for the detaining authority to bring the detained individual before the judge. This means to take him from the cell to the court room so that the judge can personally see and hear him. The independence of the judge and the personal meeting between the two are fundamental safeguards for anyone falling within the scope of article 5(1)(c) and hence article 5(3)." (Law and Practice of the European Convention on Human Rights and The European Social Charter – Gomien, Harris and Zwaak pgs 145 et sec).

Il-motivazzjoni tas-sentenza appellata fuq riportata kienet sostanzjalment korretta jekk tinqara fid-dawl ta' dak li gie appena espost. Din il-Qorti jidhrilha illi l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u partikolarment is-subincizi taht ezami huma ta' kjarezza notevoli u ma jhallux lok ghal dubbji li jehtiegu interpretazzjoni. Dan sakemm wiehed ikun motivat mill-principju bazilari illi l-individwu arrestat jew detenut kellu d-dritt ghall-helsien mill-aktar fis possibbli sa fejn l-esigenzi tal-process gjudizzjarju u tas-socjeta' oltraggjata mid-delitt jippermettu, li dak il-helsien kellu jigi biss eccezzjonalment pregudikat ghax kien jedd

fondamentali ta' kull individwu prezunt innocenti sakemm ma jigix iddikjarat hati tar-rejat lilu addebitat. Hi allura f'postha l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti illi l-artikolu 27 tal-Kap. 101 kellu wkoll il-konsegwenza negattiva u anti kostituzzjonali illi ghal zmien statutorjament prefiss ma jhallix li l-Qorti tqis talba ghal beneficcju tal-helsien mill-arrest qabel ma jghaddi tali zmien.

L-Avukat Generali jikkoncedi li kienet korretta l-ewwel Qorti meta kkostatat illi l-Qorti Istruttorja ma kienitx mizmuma bil-ligi biex tistharreg il-kwistjoni tal-legalita' tal-arrest. Jikkontendi pero' - u dan zbaljatament - illi l-fatt illi l-Qorti Istruttorja kien fadallha dan il-poter kien adegwatament jiggarantixxi l-jedd fondamentali li persuna akkuzata ma tigix ipprivata mil-liberta' taghha. Dan ghaliex, skond hu meta l-Qorti tistharreg "il-kwistjoni ewlenija tal-legalita' tal-arrest", fl-istess waqt tkun qieghda wkoll tistharreg dwar il-helsien mill-arrest. Dan hu fondamentalment zbaljat. Filwaqt li hu minnu, illi jekk jirrizulta li l-Qorti illi l-persuna migjuba quddiemha b'arrest kienet giet illegalment detenuta, dan kellu necessarjament iwassal ghall-helsien immedjat taghha, dan bl-ebda mod ma kien ifisser illi jekk l-arrest jirrizulta legali dan kien element li kellu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti Istruttorja biex tiddetermina jekk u taht liema garanziji kellha tigi akkordata l-liberta' provvizorja. Hu f'dan is-sens li kellha tinqara c-citazzjoni fis-sentenza appellata mill-kaz Aquilina vs Malta deciz mill-Qorti Ewropeja illi "the question of bail is a distinct and separate issue which only

comes into play when the arrest and detention are lawful". L-arrest u d-detenzjoni illegali, una volta stabbiliti inevitabbilment jipprecipitaw il-helsien. L-ghoti tal-liberta' kawtelata ma kienitx pero' tiddependi mill-verifika dwar jekk l-arrest kienx wiehed legali jew le. Infatti l-verifika dwar il-legalita' tal-arrest jew detenzjoni johrog mis-subinciz (c) tal-inciz 1 tal-artikolu 5 li jiggarantixxi dan il-jedd lill-individwu kontra l-arrest u d-detenzjoni arbitrarja waqt illi d-dritt ghall-helsien provvizorju fejn il-process gjudizzjarju ma setax isir fi zmien ragjonevoli kien wiehed distint u indipendenti minn dak u jemani mill-inciz 3 tal-istess artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

L-Avukat Generali jittanta jsib konfort fil-konsiderazzjoni fis-sentenza appellata fejn irriteniet "li kieku l-Qorti tal-Magistrati inqdiet bis-setgha taghha li tistharreg dwar il-legalita' tal-arrest u li tara li d-diskrezzjoni taghha – flok ma tghid li l-artikolu 27 tal-Kap. 101 nehhilha dik is-setgha - jekk ir-rikorrent kellux jinghata l-beneficcju tal-helsien, ir-rizultat sa fejn jolqot il-liberta' tar-rikorrent kien ikun l-istess". Dan l-argument hu pero' wiehed imgebbed ghall-ahhar proprju ghaliex mill-fatti kif jirrizultaw provati jidher illi l-Qorti Istruttorja, rinfaccjata b'talba ghall-helsien ibbazata fuq iz-zewg binarji, cioe' dak fuq il-motivazzjoni tal-arrest illegali ai termini tal-artikolu 5(1)(c) u dak fuq il-motivazzjoni ta' talba ghall-helsien kawtelat ai termini tas-subinciz 3 tal-istess artikolu 5, ghazlet darbtejn li tonqos li tippronunzja ruhha fuq il-legalita' o meno tal-arrest kif espressament mitlub mill-akkuzat u llimitat ruhha ghall-

ezami tat-talba ghal-liberta' provvizorja li ddisponiet minnha b'cahda billi kienet prekluza milli taghti l-liberta' provvizorja fit-termini tal-artikolu 27 tal-Kap. 101. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward kienu allura precizi u l-appell tal-Avukat Generali li kien effettivament limitat ghal din il-parti tas-sentenza qed jigi rigettat. Ir-rikorrent Ellul ma appellax minn din il-parti tas-sentenza ghalkemm kellu xi rizervi dwar il-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti li ghalihom din il-Qorti accennat u sa fejn mehtieg dwarhom ikkummentat.

**(b) <u>Dwar jekk l-arrest tar-rikorrent sarx skond il-ligi.</u>**

Ir-rikorrent Godfrey Ellul appella minn din il-parti tas-sentenza hawn taht riprodotta fejn allega ksur tas-subinciz 1 tal-artikolu 5 billi jikkontendi li c-cirkostanzi kienu tali li ma kienx mehtieg illi jigi mressaq quddiem il-Qorti Istruttorja taht arrest. Is-sentenza appellata f'dan ir-rigward hija hekk motivata :-

> "Ir-rikorrent qieghed jghid ukoll li kien hemm ksur ta' l-art. 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghax ma kienx mehtieg l-arrest biex jingieb quddiemil-Qorti, meta kien ilu hieles ghal sentejn. Ir-rikorrent, ghalhekk, qed jghid li kien hemm mhux biss ksur formali tad-dritt tieghu ghax ma ngiebx quddiem gudikant li kellu minnufih jaqra jekk l-arrest tieghu kienx skond il-ligi, izda wkoll ksur sostanzjali ghax l-arrest tieghu, fil-fatt, ma kienx skond il-ligi ghax ma kienx mehtieg.
>
> *Dwar id-dewmien biex sar l-arrest*
>
> L-argument tar-rikorrent huwa mibni fuq is-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Lulju 1998 fil-kaz ta' **Joseph**

**Attard versus Kummissarju tal-Pulizija.** F'dik is-sentenza, jghid ir-rikorrent, il-Qorti Kostituzzjonali kienet qalet illi "d-dewmien biex tressaq l-imputat ma kienx aktar jintitola li jkun hemm l-arrest tal-persuna" (Ara para. 3 tar-rikors). Tassew, izda, l-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' Joseph Attard ma kienitx qalet hekk ; kienet qalet li l-arrest ta' Attard ma kienx legali ghax ma kienx hemm suspett ragonevoli li kien ghamel ir-reat li bih kien mixli,u mhux ghax kien arrestat meta kienu ghaddew sentejnwara li kien sar ir-reat. Il-fatt li "l-provi f'idejn il-pulizija ezekuttiva kienu ilhom li gew migbura u konkjuzi madwar sentejn qabel ma din iddecidiet li tressaq [lil Joseph Attard] u takkuzah bid-delitt" kien biss wiehed mill-fatturi li, fil-fehma tal-Qorti Kostituzzjonali, lill-Pulizija "kellhom jghinuha fl-esercizzju tad-diskrezzoni taghha biex tasal ghall-konvinciment mhux biss illi ma kienx jezisti s-suspett ragonevoli mehtieg biex [Attard] jigi akkuzat bir-reat imma wisq anqas li jigi hekk akkuzat u mressaq quddiem il-Qorti taht arrest". Imkien izda l-Qorti Kostituzzjonali ma tghid, kif qed jippretendi r-rikorrent, li d-dewmien biex tixli lil persuna jtellef lill-Pulizija s-setgha li dik il-persuna tressaqha b'arrest.

Fil-fatt, izda, l-arrest tar-rikorrent kien sar skond il-ligi?

L-arrest sar taht dik il-parti ta' l-art. 27 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi li tghid li, meta persuna tkun mixlija b'reat taht l-Ordinanza, "dik il-persuna ghandha titressaq b'arrest". L-arrest, ghalhekk sar bis-sahha ta' ligi. Fadal, izda, li naraw kienx hemm suspett ragonevoli seta' ghamel reat taht l-Ordinanza ghax l-art. 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, kif rajna, jippermetti li persuna tkun imcahhda mil-liberta' "sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikkommettiet reat."

*Dwar kienx hemm suspett ragonevoli*

Dwar x'jista' jwassal ghal "suspett ragonevoli", is-sentenza ta' Joseph Attard versus Kummissarju tal-Pulizija, imsemmija fuq, tghid hekk :

… … … it-*test* huwa wiehed oggettiv, ibbazat, pero' fuq il-fatti u c-cirkostanzi kif kienu maghrufa lill-persuna li teffettwa l-arrest jew id-detenzjoni. Suspett ragonevoli jista' jkun bazat fuq cirkostanzi li jkunu inammissibbli bhala prova, bhal, per ezempju, *hearsay*, jew fuq l-antecedenti penali ta' dak li jkun. Jista' jkun bazat fuq drawwiet jew abitudnijiet tan-nies, jew ta' xi kategorija ta' nies, jew ta' xi post partikolari. Kif inghad, kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz … … …. (Joseph Attard versus Kummissarju tal-Pulizija, Qorti Civili, Prim'Awla, 3 ta' Frar 1997, ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Lulju 1998).

Dawk ic-cirkostanzi li jwasslu ghal suspett ragonevoli kienu mfissra mill-Qorti Ewropea bhala *"facts or information which would satisfy an objective observer that the person concerned may have committed the offence"* (Fox, Campbell and Hartley versus U.K., A 182 para 32 (1990)). Filwaqt meta jsir l-arrest, ma hux mehtieg li jkun hemm prova konkluziva dwar htija ; suspett ragonevoli huwa xi haga anqas minn htija provata, ghax, li kien hekk, l-arrest kien kun legali biss wara sentenza finali fejn il-mixli jinstab hati.

Fil-fehma tal-Qorti, fil-kaz tal-lum kien hemm ragunijiet bizzejjed u aktar minn bizzejjed biex jinholoq dan is-suspett. Fis-6 ta' Marzu 1997, membri ta' l-iskwadra tal-Pulizja ta' kontra d-drogi kienu sabu xi nies f'dar privata li kienu qieghdin jabbuzaw mid-droga. Wahda minn dawn in-nies semmiet lir-rikorrent, u qalet li kien harab mill-post billi qabez xi hitan. Ftit sieghat wara, r-rikorrent kien instab mixhut ma' l-art wara l-post fejn qabel kienu nstabu n-nies bid-drogi. Ir-rikorrent kien korra ghax, kif qal lill-ufficjali li sabuh, kien waqa' minn fuq il-bejt ta' dar fil-qrib. Kellu feriti gravi ghax kien kiser xi ghadam ma' gismu kollu. Fil-post fejn instab mimdud ir-rikorrent instabu wkoll xi qratas bi trab li deher li kien kokaina (Ara x-xhieda moghtija mill-Ispettur Nicholas Ciappara fis-seduta tas-26 ta' Frar 1999 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.

Fic-cirkostanzi, il-konkluzjoni li r-rikorrent kien harab meta waslu l-Pulizija fuq il-post, biex ma jsibuhx bid-droga, u li waqa' mill-bejt fit-tentattiv ta' harba, ma hix konkluzjoni mgebbda, aktar u aktar meta tqis li aktar minn darba qabel ir-rikorrent kien gja' nstab hati ta' pussess ta' droga.

Jekk kien hemm xi nuqqas tal-Pulizija, kien li stennew sal-11 ta' Frar 1999 biex ressqu lir-rikorrent b'arrest. Ma nghatax raguni ghala damu daqshekk : jista' jkun li naqsu, u jista' jkun ukoll li hadu din id-decizjoni biex jistennew sakemm ir-rikorrent itfiq mill-feriti gravi li garrab. Ukoll jekk kien nuqqas, izda, in-nuqqas kien li ma ressquhx qabel, u mhux li, meta ressquh, ressquh b'arrest : li jressquh b'arrest hija haga li tridha l-ligi, ladarba kellhom suspett ragonevoli li ghamel reat kontra l-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, l-arrest tar-rikorrent kien skond il-ligi, u ma hemm ebda ksur ta' l-ewwel parti ta' l-art. 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Ir-rikorrent Ellul apparti li jikkontesta l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti tas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Joseph Attard vs Kummissarju tal-Pulizija deciza fil-31 ta' Lulju 1998 jissottometti illi l-izball fondamentali tal-ewwel Qorti kien li asseriet li "l-arrest sar taht dik il-parti tal-artikolu 27 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi li tghid li meta persuna tkun mixlija b'rejat taht l-Ordinanza dik il-persuna ghandha titressaq bl-arrest". Din hi citazzjoni zbaljata. Il-kazi fejn l-arrest hu mandatorju huwa meta jkun hemm it-traffikar. Mhux f'kull kaz ta' pussess ta' drogi jimplika necessarjament l-arrest. Dan hu korrett. Hu pero' wkoll korrett illi mill-provi jidher assolutament accertat illi r-rikorrent kien gie akkuzat b'rejati konnessi mal-ispacc u t-traffikar tad-drogi, minbarra rejati ta' semplici pussess. Indubbjament allura kienet korretta l-ewwel Qorti meta rriteniet illi l-fatt illi r-rikorrent kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti Istruttorja kien pass obbligat b'disposizzjoni espressa tal-ligi li tezigi illi persuni mixlija b'rejat ta' dik ix-xorta kellhom jitressqu b'arrest. Disposizzjoni din li ma thallix diskrezzjoni f'idejn l-ufficjal prosekutur, naturalment sakemm ikun accertat mic-cirkostanzi illi kienu jissussistu l-elementi l-ohra mehtiega fosthom dik essenzjali tal-ezistenza ta' suspett ragjonevoli. Ir-rikorrent fil-fatt hu konxju minn din il-problematika. Tant hu hekk illi jestendi l-argument tieghu ghas-sottomissjoni illi l-Qorti Istruttorja kellha tghaddi biex tiddetermina jekk kienux effettivament jezistu jew le provi biex jikkonvalidaw l-arrest fis-

sens illi jkun jirrizulta “ghall-inqas il-bidu tal-apprezzament li kien hemm ir-rejati specifici msemmija fl-ewwel parti tal-artikolu 27 tal-Kap. 101.”

Din il-Qorti tasal biex taccetta dan l-argument sal-punt biss illi tikkonsidra illi l-azzjoni tal-Qorti Istruttorja hu proprju dak illi tikkompila l-provi li minnhom wiehed seta japprezza jekk kienux jew le jissussistu l-elementi tar-rejat addebitat lill-akkuzat biex jigi determinat jekk dan kellux jew le jitqieghed taht att ta’ akkuza. Hu allura car illi jekk fil-process tal-kumpilazzjoni jirrizulta li l-Qorti Istruttorja illi dawk l-elementi tar-rejat fit-termini tal-artikolu 27 tal-Kap. 101, li kienu jimponu l-prezentata bl-arrest, ma kienux jissussistu kontra l-akkuzat dan kellu jigi ghalhekk u anke fuq hekk biss mehlus. Mill-banda l-ohra hu inutili ghar-rikorrent Ellul f’dan l-istadju illi jadduci bhala sottomissjoni quddiem din il-Qorti argumenti ex post factum fis-sens illi huwa ma gie qatt misjub hati bi spacc ghad-droga u li allura ma setax kien hemm biza illi, kieku gie moghti l-liberta’ kawtelata, kien ser ikun hemm xi perikolu ta’ hsara lis-socjeta’. Lanqas ma seta dan jigi migjub bhala raguni ghaliex il-Qorti Istruttorja kellha f’dak il-mument tal-prezentata tindaga dwar il-konsistenza tal-prova fil-konfront tal-persuna akkuzata bhala preludju ghall-konsiderazzjoni tat-talba ghall-ghoti tal-liberta’ provvizorja. L-istess kif il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li l-prosekuzzjoni kellha suspett ragjonevoli li persuna akkuzata kienet ikkommettiet ir-rejat semplicement billi tirreferi ghas-sejbien eventwali ta’ htija jew innocenza meta l-kaz jigi deciz fil-mertu. It-test dwar jekk kienx hemm

jew le suspett ragjonevoli kellu jkun ibbazat fuq dawk l-elementi ta' prova accessibbli lill-prosekuzzjoni meta tiddeciedi li tressaq lill-individwu quddiem il-Qorti u takkuzah bir-rejati lilu addebitati.

Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hi aktar minn sodisfatta illi dawn l-indizji ta' prova mehtiega biex jissodisfaw l-elementi tar-rejat kienu ampjament jirrizultaw. Kienu indizji illi konsidrati fid-dawl tac-cirkostanzi kollha rilevanti, l-ewwel Qorti qieset li kienu jiggustifikaw ic-cahda ta' talbiet ghall-helsien provvizorju. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti ghamlet analizi ezawrjenti u m'hemm xejn fis-sottomissjonijiet tal-appellant Ellul illi b'xi mod jiskossaw il-konvinzjoni ta' din il-Qorti illi l-apprezzament tal-qrati b'kompetenza kriminali, kif avvallat fis-sentenza appellata, kien wiehed korrett. F'dan ir-rigward din kienet il-motivazzjoni tal-ewwel Qorti, li din il-Qorti pjenament tikkondividi u dan anke fir-rigward tal-interpretazzjoni tas-subinciz 3 tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif elaborata fil-kaz "Wemhoff vs Federal Republic of Germany" citata fis-sentenza appellata u li din il-Qorti tqis li ulterjorment telabora dak illi qieset aktar 'il fuq f'din is-sentenza :-

> "**Dwar jekk ir-rikorrent kellux jibqa' mcahhad mil-liberta'**
>
> Ghalkemm rajna li, meta ngieb quddiem il-Qorti b'arrest, ir-rikorrent kien imcahhad mil-liberta' skond il-ligi, fadal li naraw jekk kellux jibqa' mcahhad mil-liberta' anke waqt li kienu miexjin il-proceduri. Il-kwistjoni issa ma hix jekk l-arrest kienx legali meta sar, izda jekk ic-cahda tal-helsien mill-arrest kienitx u baqghetx legali. Gia' rajna li l-fatt li l-art, 27 tal-Kap. 101 ma jhallix li jinghata dak il-helsien ma hux bizzejjed biex dik ic-cahda jaghmilha legali, ghax il-parti ta' dak l-artikolu li ma thallix li

jinghata l-helsien tmur kontra d-disposizzjonijiet ta' l-art. 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ir-rikorrent qed jghid li ma kienx mehtieg li jibqa' mizmum ghax il-fatt li deher quddiem il-Qorti meta kien imsejjah sentejn wara li saret l-investigazzjoni tal-Pulizija kien jaghti garanzija bizzejjed li hu kien jerga jidher quddiem il-Qorti meta jerga' jkun imsejjah.

Rajna li l-art. 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea jrid illi min ikun arrestat biex jingieb quddiem Qorti fuq suspett ragonevoli li jkun ghamel reat "ikollu dritt ghal procedura fi zmien ragonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri."

*Prima facie*, jidher li l-kliem ta' dan l-artikolu jaghti dritt ghal helsien jekk il-procedura ma ssirx fi zmien ragonevoli : procedura fi zmien ragonevoli jew helsien.  Il-Qorti Ewropea, izda, ma laqghetx din l-interpretazzjoni :

4.	The Court considers that it is of the greatest importance that the scope of this provision should be clearly estabilished.  As the word "reasonable" applies to the time within which a person is entitled to trial, a purely grammatical interpretation would leave the judicial authorities with a choice between two obligations, that of conducting the proceedings until judgement within a reasonable time or that of releasing the accused pending trial, if necessary against certain guarantees.

5.	The Court is quite certain that such an interpretation would not conform to the intention of the High Contracting parties.  It is inconceivable that they should have intended to permit their judicial authorithies, at the price of release of the accused, to protract proceedings beyond a reasonable time.  This would, moreover, be flatly contrary to the provision in Article 6(1) (art. 6-1) cited above.

To understand the precise scope of the prevision in question, it must be set in its context.

Article 5 (art. 5), which begins with an affirmation of the right of everyone to liberty and security of person, goes on to specify the situations and conditions in which derogations from this principle may be made, in particular wth a view to the maintenance of public order, which requires that offences shall be punished.  It is thus mainly in the light of the fact of the detention of the person being prosecuted that national courts, possibly followed by the European Court, must determine whether the time that has elapsed, for whatever reason, before judgement is passed on the accuses has at some stage exceeded a reasonable limit, that is

to say imposed a greater sacrifice than could, in the circumstances of the case, reasonably be expected of a person presumed to be innocent.

In other words, it is the provisional detention of accused persons which must not, according to Article 5(3) (art. 5–3), be prolonged beyond a reasonable time (Wemhoff versus Federal Republic of Germany, A 7 pp. 21-22 (1969)).

Fil-kaz tar-rikorrent, ma jistax jinghad li l-proceduri, sa issa, waqt li kien mizmum ir-rikorrent, hadu zmien li ma hux ragonevoli. Kien arrestat anqas minn tliet xhur ilu, u, matul dan iz-zmien, il-proceduri tmexxew b'heffa kompatibbli ma' l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Billi, izda, ladarba r-rikorrent huwa meqjus innocenti sakemm ma hemmx sentenza kontrieh, kull hin li jaghmel imcahhad mil-liberta' huwa zejjed sakemm ma jkunx hemm gustifikazzjoni ghall-arrest, irridu naraw jekk hemmx ragunijiet tajba ghala r-rikorrent ma ghandux jinghata l-helsien, imqar taht garanzija.

Ir-ragunijiet moghtja mill-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali biex cahdu l-helsien mill-arrest – barra mir-raguni taht l-art. 27 tal-Kap. 101, li, kif rajna, ma hix relevanti – huma mibnija fuq in-natura tar-reati li r-rikorrent hu akkuzat bihom, il-pwieni li jgibu maghhomdawn ir-reati, in-natura tal-provi tal-prosekuzzjoni, il-biza' li r-rikorrent ifixkel l-amministrazzjoni tal-gustizzja u l-biza' li jaghmel reat iehor.

Ir-rikorrent huwa mixli b'akkuzi serji taht l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, li jistghu jgibu wkoll piena ta' habs ghal zmien mhux qasir. Il-biza' li jehel din il-piena jista' jwassal lir-rikorrent biex ifittex li jahrab mill-gustizzja. Rajna li r-rikorrent wera li kien lest li jasal biex iqieghed hajtu f'perikolu biex ifittex li jahrab : dan juri li hemm "*reason to suppose that the consequences and hazards of flight will seem to him to be a lesser evil than continued imprisonment*" (Stogmuller versus Austria, A49 p. 44 (1969)). Barra minn hekk, hemm ukoll il-fatt li r-rikorrent kien kemm-il darba qabel instab hati ta' reati dwar medicini perikoluzi, u dan iwassal ghall-biza' li jista' jerga' jaghmel l-istess, bi hsara kbira ghas-socjeta'. Din ukoll hija raguni tajba ghala ma kellux jinghata helsien (Ara Matznetter versus Austria, A10 p.33 (1969) : "*As to the danger of repetition of the offences, … … …. the Court is prepared to hold such a reason to be compatible with Article 5(3) (art. 5-3) of the Convention in the special circumstances of the case. A judge may reasonably take into account the serousness of the consequences of criminal offences when there is a question of taking into account the danger of seeing such offences being repeated, in order to decide if the*

> *person concerned can be released in spite of the possible existence of such danger".*"

Ir-rikorrent appellant jittanta jikkonvinci lil din il-Qorti li l-apprezzament li ghamlu l-Qrati ta' kompetenza kriminali tac-cirkostanzi fattwali u li wassalhom jichdu t-talbiet ripetuti tieghu ghal-liberta' provvizorja, kien wiehed zbaljat in kwantu l-kondotta tieghu kemm antecedenti ghall-allegata kummissjoni tar-rejat kif ukoll sussegwenti ma kienet bl-ebda mod tali illi tpoggi fid-dubbju l-garanzija illi huwa jidher ghas-smiegh tal-kawza tieghu. Hu jipprova jimmiminizza l-gravita' tar-rejati li bihom kien qed jigi akkuzat. Rejati li fil-fehma ta' din il-Qorti jipprezentaw it-theddida gravi ghas-socjeta' u l-generazzjonijiet futuri taghha. Rejati li jimponu fuq il-Qrati l-obbligu ta' celerita' massima fil-proceduri gjudizzjarji biex tigi stabbilita l-htija jew l-innocenza tal-akkuzat. Dan forsi aktar minn kull kwalita' ta' rejat iehor ghax il-hati kellu kemm jista' jkun malajr jigi isolat bhala protezzjoni ghalih innifsu u ghal dawk ta' madwaru ghaz-zmien ta' piena li l-ligi tikkontempla. Hu veru li l-gravita' tar-rejat wahdu certament ma kellhiex tkun raguni biex tigi michuda l-liberta' provvizorja. Hu pero' car mill-motivazzjoni tas-sentenza appellata li l-ewwel Qorti kellha quddiem ghajnejha u sewwa evalwat il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja fir-rigward tad-dritt tal-akkuzat ghall-helsien kawtelat, illum sewwa riflessa fil-gurisprudenza nostrana u identifikat ir-riskju illi r-rikorrent seta' jipprova jevita li jidher ghall-proceduri kriminali kontrieh proprju ghaliex kien hemm il-biza' li seta' jahrab minhabba l-gravita' tal-piena li kien qieghed jirrinfaccjaha, il-

possibbilita' illi jindahal indebitament fil-kors tal-gustizzja, l-biza' li seta' jirrepeti r-rejati li bihom kien akkuzat jew ohra konnessi u fil-bzonn li jigi mhares l-ordni pubblika.

Din il-Qorti bhall-ewwel Qorti ma ssibx raguni ghaliex kellha tvarja l-apprezzament ta' dawn ic-cirkostanzi li ghamlu l-Qrati fil-kompetenza kriminali u ma ssibx dan l-aggravju gustifikat.

**(c) <u>Appell mir-rimedji mghoti</u>**

Ir-rikorrent Ellul jappella wkoll ir-rimedju moghti ghall-vjolazzjonijiet riskontrati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Jissuggerixxi illi f'dan il-kaz bhal kazi ohra, una volta li gie stabbilit li kien hemm vjolazzjoni tal-"fair trial", kellu jinghata rimedju effettiv. "L-ewwel Qorti qisha haslet l-izball u l-lezjoni b'kumpens finanzjarju ezigwu meta kien hemm rimedju xieraq tal-helsien mill-arrest". Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju. Il-helsien mill-arrest ma kien bl-ebda mod rimedju ghall-vjolazzjoni riskontrata mill-ewwel Qorti. Ir-rimedju kellu jkun allura relatat ma' dik il-vjolazzjoni. Helsien mill-arrest, kif inghad, seta' u kellu jinghata biss fejn il-Qorti trid tkun sodisfatta illi l-presenza tal-persuna akkuzata ghall-process kriminali kienet garantita. Mertu dan li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-lezjonijiet individwati fis-sentenza appellata li din il-Qorti sejra tikkonferma. Fir-rigward tar-rimedji s-sentenza appellata hekk iddeliberat :-

"**Rimedji**

L-art. 3(5) tal-Konvenzjoni Ewropea jghid illi "Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegweibbli ghal kumpens".

Rajna li kien hemm skur tad-dritt tar-rikorrent li jingieb quddiem ufficjal gudizzjarju li jinqeda bis-setgha li taghtih il-ligi, li jistharreg dwar il-legalita' ta' l-arrest tieghu u li, jekk ikun il-kaz, jaghtih helsien mill-arrest, imqar taht garanzija, rajna wkoll, izda, li fil-fatt l-arrest tieghu kien skond il-ligi, u kien hemm ragunijiet tajba ghala ma kellux jinheles mill-arrest. Li kieku l-Qorti tal-Magistrati nqdiet bis-setgha taghha li tistharreg dwar il-legalita' ta' l-arrest u li tara fid-diskrezzjoni taghha – flok ma tghid li l-art.27 tal-Kap. 101 nehhielha dik is-setgha – jekkir-rikorrent kellux jinghata l-beneficcju tal-helsien, ir-rizultat sa fejn jolqot il-liberta' tar-rikorrent kien ikun l-istess. Dan il-fatt ma jistax ma jkunx relevanti ghal-likwidazzjoni tal-kumpens li jkun xieraq li jinghata lir-rikorrent.

Wara li qieset il-konsegwenzi tal-ksur li kien hemm ta' dritt fondamentali fuq il-persuna tar-rikorrent, din il-Qortihija tal-fehma li kumpens ta' hamsin lira (Lm50), flimkien mad-dikjarazzjonijiet maghmula f'din is-sentenza, ikun xieraq u bizzejjed biex ipatti ghall-ksur tad-dritt tar-rikorrent."

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

Din il-Qorti taqbel biss mal-appellant rikorrent illi s-somma ta' hamsin lira f'kumpens anke jekk din hija moghtija in aggunta mad-dikjarazzjonijiet maghmula fis-sentenza appellata – wiehed jifhem allura li l-Qorti kienet qed tikkonsidra d-decide taghha fiha nfisha bhala "just satisfaction" ghar-rikorrent – kien wiehed ezigwu u ma jixraqx lic-cirkostanzi. Din il-Qorti tifhem li l-ewwel Qorti ghazlet li taghti kumpens nominali biex tissodisfa l-vot tal-ligi. Din il-Qorti pero' ma tqisx li dan

huwa sewwa. Una volta l-Qorti hasset il-htiega ta' kumpens finanzjarju dan kellu jirrifletti l-kostatazzjoni li kien hemm il-ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent kif espress fid-decide. Naturalment hu veru wkoll li mhux kull ksur tad-dritt fondamentali hu tal-istess gravita'. Tifhem ukoll illi l-ewwel Qorti kienet gwidata mill-konvinzjoni illi, nonostante l-ksur minnha dikjarat fil-kaz taht ezami kienet sehhet gustizzja sostanzjali mal-akkuzat. Dan in kwantu kienet sodisfatta illi li kieku l-Qorti Kriminali li quddiemha deher ghamlet dak li skond il-Konvenzjoni kienet tenuta li taghmel ir-rizultat fir-rigward tal-effetti fuq il-helsien tal-akkuzat quddiemha kien ikun l-istess. B'dana kollu xorta din il-Qorti tqis illi l-kumpens finanzjarju kellu jkun wiehed rejalistiku u aggornat mal-valur tal-flus. Kienet allura li tawmenta l-ammont tal-kumpens ghal mitejn lira u tqis li dan ikun ammont xieraq u bizzejjed biex ipatti ghall-ksur tad-dritt tar-rikorrent appellant. F'dan is-sens biss is-sentenza appellata qed tigi riformata.

**(d) <u>Trattament degradanti u inuman</u>**

Finalment l-appellant Ellul jilmenta wkoll l-allegat ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Fuq dan l-ewwel Qorti hekk iddeliberat fis-sentenza appellata :-

> "Ir-rikorrent qed jghid ukoll li kien hemm ksur ta' l-art. 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti.

Ir-rikorrent ma hux qed jallega li kien mahqur jew ittrattat hazin waqt li kien il-habs ; qieghed jilmenta biss mill-fatt li l-awtoritajiet ma mxewx fuq l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati li jinzamm l-Isptar. Fil-fatt, ir-rikorrent ma ressaqx xhieda dwar l-istat ta' sahhtu, jew dwar il-htiega li jinzamm l-Isptar, ghax qieghed jistrieh biss fuq l-ordni tal-Qorti tal-Magistra5ti.

Huwa minnu li, ghal din l-allegazzjoni, r-rikorrent ghandu rimedju taht il-ligi ordinarja : il-Qorti tal-Magistrati kienet ordnat,ghal ragunijiet umanitarji, li r-rikorrent jinzamm l-Isptar, ghalkemm ukoll ma jidhirx li ngiebet quddiemha xiehda medika li turi li dan kien mehtieg ; kull ma kellu jaghmel ir-rikorrent, ladarba l-awtoritajiet ma mxewx fuq dik l-ordni, kien li jitlob li l-Qorti tal-Magistrati taghti l-provvedimenti mehtiega biex l-ordni taghha titwettaq, kif ghadu jista' jaghmel sallum.  Fil-fatt, fir-rikors tieghu tal-15 ta' Frar 1999, ir-rikorrent kien gharraf lill-Qorti tal-Magistrati li, minkejja l-ordni taghha, ma nzammx l-Isptar ; f'dak ir-rikors, izda, flok talab l-esekuzzjoni ta' l-ordni tal-Qorti, talab li l-Qorti tghid li l-arrest huwa kontra l-ligi u ghalhekk tehilsu ghal kollox, jew li tehilsu taht garanzija li jibqa' jidher quddiemha. Madankollu, forsi l-Qorti tal-Magistrati kien imissha, wara li tat ordni u kienet mgharrfa li din l-ordni ma tharsitx, taghti minjeddha l-provvedimenti mehtega, bla htiega ta' talba ohra ghalhekk.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, izda, ghalkemm ir-rikorrent ghadu jista' jitlob li l-Qorti tal-Magistrati tordna l-esekuzzjoni ta' l-ordni taghha, dan jaghtih rimedju biss biex ma jkomplix ikun imcahhad mill-attenzjoni medika – jekk tassew kien jehtieg dik l-attenzjoni u jekk tassew kien imcahhad minnha – u ma jaghtihx rimedju ghal dak li lahaq ghadda minnu, jekk tassew ghadda minnu.  Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li ghandha tinqeda bis-setgha taghha li taghti rimedju taht il-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, naturalment jekk tassew kienhemm ksur tad-dritt tar-rikorrent imhares taht l-art. 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Jekk ir-rikorrent kien jehtieg kura fl-Isptar u din il-kura ma nghatatlux, mela kien assoggettat ghal trattament inuman (Ara Bonnechaux versus Switzerland, No. 8224/78).

Ir-rikorrent, izda, ma ressaqx xhieda ta' dan.  Ma ressaqx xiehda dwar kura li jehtieg, u lanqas li din il-kura, jekk kienet mehtiega, ma setax jehodha l-habs u li kellu bilfors jehodha l-Isptar.  Fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati, ghal ragunijiet umanitarji, ordnat li r-rikorrent jinzamm l-Isptar – ghalkemm certament l-awtortajiet kellhom jobdu din l-ordni, bhal ma ghandhom jobdu kull ordni

> ohra ta’ Qorti kompetenti – ma hux xhieda li lir-rikorrent kien jinhtieglu li jinzamm l-Isptar u li ssirlu hsara ghal sahhtu jekk jinzamm il-habs.
>
> Fin-nuqqas ta’ xhieda, ghalhekk, il-Qorti ma ssib ebda ksur ta’ l-art.3 tal-Konvenzjoni Ewropea.”

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

Dwar dan l-aggravju din il-Qorti m’ghandha xejn x’izzid anke ghaliex ma jidhirx illi hu sostanzjat mill-provi fil-process. L-allegazzjoni tat-trattament inuman kellha tigi provata fit-termini ta’ dawk l-elementi kostituttivi tieghu li gew elaborati fil-gurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropeja u anke ta’ dawk nostrani. Hu inutili illi r-rikorrent jittanta jekwipara t-trattament inuman ma’ allegazzjoni tal-arrest illegali. Il-konnessjoni bejn iz-zewg koncetti legali ma tregix. Mhux biss ma tirrizultax fattwalment il-prova li r-rikorrent Ellul kien b’xi mod trattat hazin waqt li kien detenut fil-Facilita’ Korrettiva : jirrizulta ghall-kuntrarju li l-Qorti Istruttorja hadet hsieb li tipprovdi ghall-attenzjoni u kura medika mehtiega. Dan apparti li r-regolamenti jipprovdu illi kien id-Direttur tal-Habs, flimkien mat-tobba u paramedici addetti mal-Habs, illi legalment kienu responsabbli li jiddeterminaw il-bzonn o meno ta’ sptar ghal min ikun detenut fil-Habs. Trattament inuman u degradanti li jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-jedd fondamentali tar-rikorrent kif protett l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni kien ta’ xorta ferm differenti minn dawk in-nuqqasijiet li jilmenta minnhom ir-rikorrent appellant u li lanqas dwarhom ma pproduca prova.

**DECIDE**

Din il-Qorti tikkonsidra allura li s-sentenza appellata kienet wahda korretta u ben sostnuta fid-dritt. Din il-Qorti sejra biss kif inghad temendaha marginalment fir-rigward tar-rimedju akkordat.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appelli kif gej :-

1. Tichad l-appell tal-Avukat Generali bl-ispejjez kontra tieghu.

2. Tilqa' l-appell tal-istess Godfrey Ellul biss limitatament ghall-quantum ta' kumpens likwidat mill-ewwel Qorti. F'dan ir-rigward tirriforma s-sentenza billi tawmenta l-istess kumpens mis-somma ta' hamsin lira Maltin ghas-somma ta' mitejn lira Maltin. Ghall-kumplament is-sentenza appellata qed tigi kkonfermata. Ir-rikorrent Ellul kellu jbati l-ispejjez tal-appell tieghu. L-ispejjez tal-Prim'istanza kellhom jibqghu kif gja' fis-sentenza appellata definittiv.

Din il-Qorti tidderigi lir-Registratur biex jibghat kopja ta' din is-sentenza lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati u dan ai termini tal-artikolu 242 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.

Dep/Reg

mg